MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 801/2001/1

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Paul u Janet konjugi Mamo**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jigu kundannati li:

1. fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti, jizgumbraw mill-fond numru 22, St. Charles Street, Sliema li qed jokkupaw minghajr titolu validu fil-ligi u;

2. ihallsu lill-bank attur dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Qorti bhala kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond numru 22, St. Charles Street, Sliema mit-3 ta' April 2000, cioe' id-data tal-liberazzjoni tal-fond imsemmi favur

il-Bank attur fl-atti ta' subbasta numru 73/99 mizmum taht l-awtorita' tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond ma jeccedix Lm1,000 fis-sena. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 9 tal-atti) u li biha eccepew:

1. Fl-ewwel lok u bhala eccezzjoni preliminari n-nullita tal-avviz odjern, stante li l-procedura uzata mis-socejta attrici sabiex jigu zgumbrati l-eccipjenti mir-residenza taghhom ma' hijiex dik korretta u dana aktar u aktar wara l-ezitu fil-kawza fl-ismijiet "Mid Med Bank Limited vs Paul Mamo et".

2. Fit-tieni lok u wkoll in linea preliminari n-nullita' ta' l-avviz odjern u dana peress li t-talba ghad-danni hekk kif postulata teccedi l-kompetenza ta' dina l-Onor Qorti u dana ghaliex d-dikjarazzjoni li l-valur lokatizju ma teccedix l-Lm1,000 tinkombi biss ghal stat ta' fatt meta tkun ezistiet kirja li ma tkunx ta' valur ta' aktar minn Lm1,000. Fil-kaz in ezami la qatt ezistiet kirja u wisq anqas tista tintlaqa t-tieni talba ghad-danni stante li ma giex specifikat ammont.

3. Illi fuq il-mertu t-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda u dana kif ser jirrizulta mill-provi f'kaz li fil-pessima ipotesi l-eccezzjonijiet preliminarji ma jintlaqawx.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 12 u x-xhieda tal-Perit Robert Naudi a fol 14 u 15 u tal-P.L. Jonathan De Maria a fol 16 u 17.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet attrici, liema nota giet presentata illum stess, "seduta stante".

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex :

1. sat-tnejn (2) ta’ Frar 2003 jizgombraw mill-fond numru 22, St Charles Street, Sliema u;

2. jhallsu lill-istess bank attur is-somma ta’ Lm1600 iffissata “arbitrio boni visi” bhala kumpens ghall-okkupazzjoni tal-istess fond mit-tlieta (3) ta’ April 2000 sad-data tal-izgumbrament hawn fuq imsemmija; bl-imghax legali mit-tnejn (2) ta’ Dicembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg